# NIĊEĊ U STATWI

III.

*Is-Salib "ta' Dejma".*

Wara dak li għedna fuq is-Salib imsejjaħ *ta' Dejma* fl-aħħar Għadd ta' dan il-Qari, smajna xi ħwejjeġ oħra fuqu li se'r nissuktaw inġibuhom hawn.

Is-Salib li hemm il-lum f'nofs dawk l-erba' toroq li semmejna m'hux l-istess wieħed li kien ġie mqiegħed l-ewwel darba. Is-Salib il-qadim inqala' minn fejn kien, u tqiegħed fiċ-Ċimiterju ta' l-Imgħallqin f'Ħal-Tarxien f'dak iċ-Ċimiterju li jinsab f'idejn WenzuMizzi dak li, dan l-aħħar, kien surmast fl-Iskejjel tal-Gvern ta' Ħal-Tarxien.

Is-Salib il-qadim, li fuqu hemm Ġesù Msallab, qiegħed fuq pedistal magħmul minn erba' naħiet. F'kull naħa hemm waħda mill-Misterji tal-Passjoni imnaqqxa fil-ġebel. F'ta' quddiem hemm Kristu qiegħed jitlob fl-Ort; f'ta' ma' ġenbha Kristu marbut fil-Kolonna; f'ta' wara l-Inkurunazzjoni bix-xewk; u, f'ta' ma' ġenbha, Kristu mgħobbi bis-Salib: jiġifieri, b'kollox, hemm ħames Misterji mill-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

L-Indulġenza li ta l-Isqof Alferan għal min igħid *Pater Noster* quddiem l-imsemmi Salib, ma ġietx mogħtija fl-1752, bħal ma hemm minn fejn ħadna dak li għedna, iżda ġiet mogħtija fl-1756: għax hekk jidher mis-sena li hemm imnaqqxa fil-Pedistall.

Kif qalulna, is-Salib il-qadim ġie mneħħi minn fejn kien u tqiegħed fiċ-Ċimiterju ta' l-Imgħallqin, imħabba x'insulti li kienu sarulu minn xi Ingliżi li spiss kienu jgħaddu minn hemm. Iżda, wara xi żmien, din il-biċċa ma għoġbotx lil wieħed jismu Ġużè Mangion, li *ta' Dejma* jibqa' bla Salib, għalhekk ħa ħsieb jiġbor xi flus minn għand in-nies u għamel Salib ieħor ġdid, dak li hemm il-lum.

Is-Salib il-ġdid li ġie mqiegħed f'*ta Dejma*, l-Isqof Pietru Pace għoġbu jagħnih, fit-22 ta' Marzu 1905, b'100 jum indulġenza, li jirbaħha kull min igħid *Kredu* quddiemu.

*L-Istatwa ta' Marija Assunta fil-Misraħ ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal-Għaxaq.*

Għall-ħabta ta' l-1774, il-Kappillan ta' Ħal-Għaxaq kien Dun Arkanġ Farrugia, miż-Żurrieq. Dan il-Kappillan, billi kellu qima kbira ħafna lejn il-Madonna Assunta, fl-1774 ġabar

xi flus minn għand iż-Żrieraq, u bihom għamel l-istatwa ta' Marija tiela' s-Sema, il-Protettriċi tar-Raħal.

Dina l-Istatwa, barra milli hi mżejna b'kitba meħudha mis-Sagra Skrittura, l-Iskof Pelleran Giappone għoġbu jagħniha wkoll, fil-15 ta' Awissu 1774, b'40 jum indulġenza għal kull min igħid *Ave Marija* quddiemha.

Jieħu ħsiebha il-prokuratur tal-Knisja Parrokkjali.

*L-Istatwa ta' San Pawl Appostlu li qiegħda fit-triq li minn Raħal Ġdid tâti għal l-Imdina.*

F'din it-triq, fuq bir, hemm Statwa tal-ġebel ta' l-Appostlu Missierna San Pawl. Dina l-Istatwa ġiet imqiegħda in-naħa *ta' Srina* għall-ħabta ta' l-1698.

Meta l-Kapitlu tal-Kattidral ta' l-Imdina kien jitlaq għal Raħal Ġdid biex jieħu sehem fil-Proċessjoni ta' San Girgor, malli jasal fejn l-imsemmija Statwa, kien jieqaf u quddiemha ikanta l-antifona *Sancte Paule*, etc.

Din il-biċċa ssir b'tifkira tal-ġid li kienu qalgħu dawk il-ħaddiema li kienu jaqtgħu l-ġebel in-naħa *ta' Srina* għallbini tal-Kattidral ta' l-Imdina. Dawn il-ħaddiema ma' l-ewwel daqqa li taw tal-baqqun, ħarġet għajn ta' l-ilma u li biha kienu jaqtgħu l-għatx il-ħaddiema. Minngħajr dan l-ilma, il-ħaddiema aktarx li kienu jbatu ħafna, billi fejnhom ma kien hemm xejn ilma, ħlief bir wieħed biss; iżda ċan il-bir sidu kien battlu minn l-ilma, biex il-ħaddiema ma jistgħux jixorbu minnu !

*In-Niċċa tal-Madonna tal-Konsolazzjoni fil-Gudja.*

Il-Qassis Dun Anġ Dalli, mill-Gudja, imħeġġeġ millqima kbira li kellu lejn il-Madonna tal-Konsolazzjoni, fl-1839 għamlilha Niċċa, minn butu, f'minkeb ta' bini li jâti għal Strada Rjali tal-Gudja, u x-xogħol ta' l-Istatwa tah lil l-Iskultur Xandru Farrugia miż-Żejtun.

Malli l-Istatwa tal-Madonna kienet lesta ġiet imqiegħda fin-Niċċa, u fil-31 ta' Awissu ġiet imbierka. Fil-għaxija saritilha ħafna mixegħla flimkien ma' ġigdifogu u sparar ta' murtali. Il-għada, li ħabat il-Ħadd, l-Omm tal-Konsolazzjoni issuktat ġiet miqjuma b'quddiesa, bil-għasar u fl-aħħar bi proċessjoni kbira.

Fuq in-Niċċa tinsab din il-kitba meħuda mis-Sagra Skrittura : *Sponsabo te mihi.--Fedes cinctorium renuum ejus.* U taħt in-Niċċa, hemm kitba li tgħarraf li kull min igħid *Salve Regina*, jaqla' 40 jum indulġenza.

**Ġużè Gatt.**